# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 85**

**Citaz. Nru. 871/95GV**

Doc. 113-01

**Frank Paul Sammut u martu Maria Concetta**

**vs**

**Silvio u Nathalie konjugi Naudi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-konvenuti huma veru cert u likwidu debituri tal-atturi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira (Lm6,666) dovuta lill-atturi bhala pagament lura ta' self moghti lill-istess konvenuti

Premess illi l-atturi kienu moghtija mill-konvenuti tlett *cheques* tal-Mid-Med Bank Limited (Dok A) bin-numru 1358,1259 u 1360 rispettivament ghall-ammont totali ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm6,666) izda dawn l-istess *cheques* qatt ma setghu jigu msarrfin mill-attur,

Premess li ghalkemm il-konvenuti gew interpellati mill-atturi biex ihallsu l-istess ammont huma baqghu inadempjenti

Peress li fil-fehma tal-atturi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jgibu kontra t-talbiet attrici skond l-anness affidavit , Dok B, a termini tal-Art 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dana ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm6,666) dovuta lill-attur bhala pagament lura self moghti lill-istess konvenut

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira Maltin fuq imsemmija u dovuta lill-atturi skond kif indikat oltre l-interessi

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Gunju, 1995 u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti mill-lum ngunti ghas-subizzjoni.

**Eccezzjoni konvenut Naudi (fol. 13)**

Fil-25 ta' Lulju, 1995 il-konvenut Silvio Naudiipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fejn ecepixxa

Illi fl-ewwel lok bejn l-ecipjent u martu hemm separazzjoni tal-beni permezz ta kuntratt in atti Nutar J. Brincat tal-1 ta' Novembru, 1991 u martu ma taf b'xejn u u ma sselfet xejn minghand l-attur

Fit-tieni lok u fil-mertu madwar sentejn u nofs ilu l-eccipjent issellef minghand l-attur is-somma ta’ elfejn lira Maltin soggetti ghall-imghax ta’ 10% fix-xahar.

Illi in segwitu l-esponenti hallas erbat elef u mitejn lira Maltin kif muri fuq l-annessi erba cekkijiet u ghalhekk mhux talli l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lill-atturi, talli huma l-istess atturi li ghandhom jirrifondu lill-esponenti kull somma li talvolta li jirrizulta mhallsa indebitament.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

**Kontro-talba (fol. 14)**

Il-konvenut mal-eccezzjonijiet tieghu pprezenta kontro-talba kontra l-atturi u ppremetta s-segwenti:

Premess illi madwar sentejn u nofs ilu l-atturi sellfu lil konvenut Silvio Naudi is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) fuq liema somma l-atturi imponew rata ta’ imghax ta’ 10% fix-xahar, cioe’ rata ta’ imghax iktar min dik permessa skond il-ligi.

Premess illi Silvio Naudi ghamel diversi pagamenti skond kif jirrizulta mill-kopji tac-certifikati annessi izda billi huwa ma zammx ir-rata tal-pagament miftiehem, min zmien ghal zmien l-atturi kienu jaghmlu skrittura privata gdida biex ikopru l-imghax li jkun tela sa dak inhar

Premess illi fl-ahhar skrittura privata hemm indikat illi Silvio Naudi huwa debitur fis-somma ta’ Lm6,666 u ghal dan l-ghan l-istess Silvio Naudi anke hareg *post dated cheques* liema *post dated cheques* ma ssarfux ghaliex Silvio Naudi ma kellux fondi

Premess illi effettivament mhux talli l-imsemmija somma ta' Lm6,666 mhix dovuta, talli b'rizultat tal-imsemmija pagamenti fl-ammont ta' Lm4,200 Silvio Naudi hallas madwar elfejn lira zejda u ghalhekk huma l-istess atturi li ghandhom jirrifondu dak li ma kienx dovut skond il-ligi.

Ghaldaqstant jghidu l-atturi ghaliex din il-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi l-ammont verament misluf mill-konvenut minghand l-atturi kien ta' Lm2,000, m'ghandhiex

1. Tiddikjara u tiddeciedi ir-rata tal-imghax ta' 10% fix-xahar hija rata illecita u li l-atturi ma jistghux jiddebitaw lill-konvenut bl-imghaxijiet komposti u ghalhekk l-oghla rata ta' imghax permessibbli fuq is-self brevi manu bejn l-atturi u l-konvenut ta' Lm2,000 huwa ta' 8% fis-sena a skaletta, u li ghalhekk l-atturi huma responsabbli ghar-refuzjoni ta' kull ammont indebitament mhallas mill-konvenut lilhom;

2. tillikwida l-ammont indebitament mhallas mill-konvenut lill-atturi fl-ammont at Lm2,000 jew somma verjuri

3. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mit-3 ta' Gunju, 1994 cioe' id-data li meta gie msarraf l-ahhar *cheque* indebitament mahrug kontra l-atturi.

**Eccezzjonijiet konvenuta Nathalie Naudi (fol. 19)**

Fil-25 ta' Lulju, 1995 giet pprezentata nota tal-eccezzjonijiet mill-konvenuta Nathalie Naudi fejn eccepiet:

1. Illi t-talba tal-atturi inkwantu diretta kontriha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li c-*cheques* mertu ta' din il-kawza ma gewx iffirmati

minnha u l-ammont riklamat mill-atturi l-anqas ma jista jigi kunsidrat bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti stante li dina giet xolta ferm qabel id-data tal-hrug tac-*cheques* relattivi.

Salvi ecezzjonijiet ulterjuri.

**Eccezzjonijiet ghall kontro-talba fol. 28**

Fit-18 ta' Awissu, 1995 giet ipprezentata nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall kontro-talba tal-konvenut Silvio Naudi fejn eccepew

1. Illi preliminarjament irid jigi ppruvat dak allegat mill-konvenut

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi meta l-konvenut kien dahal fi ftehim ma l-attur sabiex jircievi s-somma ta' Lm6,666 mingand l-istess attur, il-konvenut mhux talli ircieva dan l-ammont, izda kien iffirma wkoll skrittura privata dwar l-istess somma flimkien ma l-attur fil-21 ta' Jannar 1995

3. Illi l-istess skrittura privata datata 21 ta' Jannar 1995 bl-istess ammont ta' Lm6,666 kienet giet mgedda mill-istess partijiet fit-3 ta' Marzu 1995, u ghaldaqstant, peress li s-somma ta' Lm6,666 indikata fl-iskrittura privata originali qatt ma kienet mmodifikata u/jew mizjuda meta kien sar it-tigdid tal-istess skrittura, huwa ndikattiv li l-ebda imghax ma kien mitlub wisq aktar mizjud wara l-ewwel data mill-attur fuq l-istess somma.

4. Illi l-konvenut kien accetta li jibda jithallas l-imghax fuq is-somma indikata kemm il-darba ma jkunux jistghu jissarrfu tlett cekkijiet minnu mahruga u moghtija lill-attur, liema cekkijiet fil-fatt qatt ma setghu jigu msarffa peress li l-konvenut ma kellux fondi

5. Illi nonostante l-imghax miftiehem ta' tmienja u nofs fil-mija fis-sena li kellu jithallas kemm il-darba ma jkunux issarrfu c-cekkijiet, kif indikat fuq l-istess skrittura privata, l-attur huwa ntitolat ghal imghax ta' tmienja fil-mija fuq is-somma imsemmija mid-data ndikata fuq l-istess cekkijiet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Cessjoni tal-kawza fil-konfront ta' Nathalie Naudi (fol. 33)**

B'nota pprezentata fl-atti ta' din il-kawza (fol. 32) l-atturi cedew din il-kawza fil-konfront ta' Nathalie Naudi u zammew ferm it-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenut Silvio Naudi.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li hu kien sellef flus lill-konvenut billi kien isarrafflu *cheques* u l-konvenut kien iwieghed li jhallsu lura b'*cheques*. Kienet issir skrittura mbaghad meta l-konvenut ihallsu, huma jqattghu l-karti. Il-konvenut kien akkumula ammont ta' flus li kellu jhallas lill-attur u fil-21 ta' Jannar, 1995 kienet saret skrittura dokument A fol. 26 fejn il-konvenut iddikjara li ghandu jaghti s-somma ta' Lm6,666 lill-attur u tah tlett *cheques* ta' Lm2,222 il wiehed biex ikopru dana l-ammont u li l-attur kellu jsarraf fid-data indikata fic-*cheque*. Il-konvenut m'onorax dawn il-pagamenti u ghalhekk saret din il-kawza.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed jissottometti li huwa kien issellef Lm2,000 biss minghand l-attur u l-bqija huwa biss imghax fuq imghax fuq is-self li kien ha. Hu pprezenta prospett a fol. 68 fejn skond il-konvenut hemm indikati l-ammonti li hu ssellef u l-ammonti li hu hallas. L-attur ma kienx tah Lm6,666 f'daqqa imma dawn kienu ammonti migbura flimkien bl-imghax.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi jirrizulta mill-provi specifikatament mid-dokument A a fol. 26 li l-konvenut "*agree and declares that I have received the sum of Lm6,666 in exchange for cheques numbers 1358, 1359 and 1360 issued on Mid Med Bank. Interest at 8 ½% p.a. would have to be paid by me if the above cheque is not honoured immediately . This amount is due to Frank Paul Sammut*."

L-attur ikkonferma li l-konvenut kellu jaghtih certu ammont ta' flus li kien sellfu u l-konvenut kien tah *cheque* ta' Lm6,050 bhala pagament pero' dan gie *referred to drawer* (ara fol. 100) fit-2 ta' Jannar, 1995. Ghalhekk kienet saret l-iskrittura tal-21 ta' Jannar, 1995 fejn wara li gie konfermat li l-konvenut kellu jaghti Lm6,050 zdiedu Lm616 li l-attur (korroborat minn Victor Vella) jghid li ta' lill konvenut u li l-konvenut ighid li huma imghax fuq l-ammont ta' Lm6,050, u b'kollox gie li l-konvenut kellu jaghti Lm6,666. L-attur ipprova jsarraf dawn ic-*cheques* pero' gew *referred to drawer*. Imbaghad l-istess skrittura giet imgedda fit-3 ta' Marzu, 1995 billi tbiddlet id-data u ffirmaw il-partijiet bl-iskop li d-dejn jibqa' rikonoxxut mill-konvenut. Sa dik id-data l-attur ma kienx iccargja imghax.

Il-konvenut xehed u ndika fil-prospett a fol. 68 li hu kien hallas il Lm6,050. Fil-Qorti hu qal li dawn tahom lill attur *in cash* izda ma hemm ebda prova li fil-fatt kien sar dan il-pagament. Anzi jirrizulta li sa Marzu 1995 l-attur kien ghadu qed jigri wara flusu cioe' ma kienx ghadu sarraf il Lm6,666.

Hu indikativ dak li xehed l-konvenut li fl-ahhar tal-1994 hu ma setghax ikompli jonora s-self li kien ha minghand l-attur, altru milli hallas Lm6,050.

Jigi notat inoltre li l-konvenut qal li ghamel hafna pagamenti lill-attur u dana skond il-prospett ezibit minnu. Izda kull ma pprezenta l-konvenut hu prospett u l-ebda prova ohra biex jikkonferma kif saru dawn il-pagamenti (per

ezempju, *cheques*, ricevuti, *diaries* etc). Hemm biss il-kelma tieghu u prospett li mhu korroborat minn ebda evidenza ohra.

Fil-fatt l-attur xehed fuq dan il-prospett u wera li fih diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet.

Per ezempju l-attur xehed li fl-14 ta' Ottubru, 1994 l-konvenut qal li hallsu Lm1,000 meta fil-fatt kien l-attur li hallas lill konvenut Lm1,000 b'*cheque* tal- Bank of Valletta ta' l-istess data.

L-attur semma ukoll li kien sar pagament fis-26 ta' Marzu, 1994 lill konvenut ta' Lm1,000 pero' dana mhux imsemmi fil-prospett a fol. 68. Il-konvenut semma li dawn kienu ghal kumpanija Grech & Ellul izda l-attur xehed li hu kien tahom lill konvenut personalment. Il-konvenut kellu sistema li permezz taghha hu kien jinkassa l-flus kemm tieghu kif ukoll ta' Grech & Ellul fuq ismu personalment imbaghad jiddepositahom fil-kont tieghu u eventwalment johrog *cheque* lill Grech & Ellul ta' dak li kien dovut lilhom. Izda l-attur l-pagamenti kien jaghmilhom lill konvenut personalment u lilu kien jaf.

Il-konvenut ikkonferma in kontro-ezami li fil-prospett tieghu hu ndika li kien issellef Lm2,000 u Lm2,000 mentri fl-eccezzjonijiet tieghu u fil-kontro-talba tieghu halef li kien issellef biss Lm2,000. (ara fol. 84).

Ghallhekk il-Qorti tikkonkludi li t-talba attrici hija gustifikata billi hi bazata fuq skrittura ffirmata mill konvenut u provi ohra dokumentarji. Dwar l-imghax kontestat il-Qorti tirrileva li l-konvenut kien qed jinnegozja bi flus haddiehor (anke tal-bank) u bhala negozjant kien qed jaccetta li minhabba f'hekk ihallas imghax. Ma ngabitx prova konkludenti li kien hemm uzura. Il 8 ½% interessi msemmija fl-iskrittura ma kienux ghadhom gew iccargjati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur tal-atturi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm6,666) dovuta lill-attur bhala pagament lura ta' self moghti lill-istess konvenut;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm6,666) fuq imsemmija u dovuta lill-atturi skond kif indikat oltre l-interessi;

bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**